



L-imwielda globali: Il-potenzjal tal-ħolqien tax-xogħol f'negozji internazzjonali ġodda

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

It-teorija tradizzjonali dwar in-negozji internazzjonali tissuġġerixxi li, l-ewwel nett, il-kumpaniji jistabbilixxu suq solidu f'pajjiżhom u mbagħad isiru globali biss fi stadji iktar avvanzati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Madankollu, dan il-ħsieb qiegħed jiġi mhedded minn riċerka li turi li wħud mid-ditti jieħdu bixra internazzjonali malajr wara li jifftu – dawk imsejħa 'mwielda globali'. Huwa ssoportat li dawn id-ditti huma ferm orjentati lejn l-innovazzjoni u t-tkabbir, u b'hekk jistgħu jagħtu kontribut sod għall-irkupru ekonomiku u tas-suq tax-xogħol li l-Ewropa qiegħda ttipprova tikseb wara l-kriżi finanzjarja globali.

Sa issa, f'it li xejn huwa magħruf dwar il-potenzjal ekonomiku sħiħ ta' dawn il-kumpaniji u kif jistgħu jiġu appoġġjati l-iktar. Dan l-istudju għandu l-għan li jdejjaq din id-diskrepanza fl-għarfien billi jipprovdi sommarju ta' tagħrif u dejta sekondarja biex jikkarakterizza lill-imwielda globali u jixtar f'ħieġ l-iktar li jmorru tajjeb u ħażin kif ukoll il-potenzjal ekonomiku u tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, jipprovdi analiżi tal-politiki f'ċerti Stati Membri tal-UE biex jistħarreġ l-idoneità ta' appoġġ pubbliku disponibbli għal dan il-grupp speċifiku ta' impriżi.

Kuntest tal-politika

Hija u tfittex modi għall-ħruġ mill-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, il-Kummissjoni Ewropea ssemmi b'mod espliċitu l-opportunitajiet li t-tkabbir globali joffri għan-negozji tal-Ewropa. Bosta Stati Membri sabu li l-felħan jew l-irkupru tagħhom jista' jiġi attribwit għal tkabbir fl-esportazzjoni u, b'hekk, jixtu enfasi politiku ikbar għat-titjib tal-opportunitajiet għall-impriżi sabiex jidhru f'negozju fil-livell internazzjonali.

Huwa rikonoxxut minn ħafna wkoll li prinċipalment huma l-kumpaniji innovattivi żgħar u li ma jkunux ilhom li fetħu li joħolqu l-iktar impjegji, u bosta pajjiżi jħaddnu negozji li jkunu għadhom kemm jifftu u impjegji indipendenti bħala mezz biex jiġġieldu l-livelli għoljin ta' qgħad ikkawżati mir-riċessjoni.

Fit-tagħqid ta' dawn iż-żewġ żviluppi promettenti, ta' min iqis li tal-inqas uħud minn dawn in-negozji li għadhom kif jitwaqqfu huma mwielda globali u għandhom jiġu appoġġjati bl-aħjar mod possibbli biex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-potenzjali ekonomiċi, tas-suq tax-xogħol u innovattivi tagħhom. Madankollu, id-diskussjoni pubblika u politika atwali tinjora bi kbir l-eżistenza ta' din it-tip ta' impriża. Għaldaqstant, dan l-istudju għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-eżistenza u l-karatteristiċi speċjali tal-imwielda globali u jippreżenta elementi ta' skemi pubbliċi ta' benefiċċju, sabiex jassisti lil dawk li jfasslu l-politiki fl-identifikazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' azzjoni relevanti.

Sejbiet ewlenin

L-imwielda globali huma impriżi li, f'it wara t-tnissil tagħhom, jiksbu sehem għoli ta' esportazzjoni f'bosta pajjiżi barranin, immexxija l-iktar mir-rieda globali tal-manigiers tagħhom u l-ħtieġa li jattiraw iktar negozju milli jistgħu jiksbu fis-swieq domestiċi tagħhom. Dawn jistgħu jinstabu fis-setturi kollha tal-ekonomija, iżda l-portafoll tal-prodotti/servizzi tagħhom huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' innovazzjoni, teknoloġija u/jew disinn esklussiv. Jimlew diskrepanzi importanti fil-ktajjen tal-valur globali. Għaldaqstant, l-imwielda globali huma inkorporati f'networks internazzjonali, u t-tali relazzjonijiet transkonfinali li jaħdmu tant sew huma element importanti għas-suċċess tagħhom.

Minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni armonizzata ta' 'mwielda globali' u dejta standardizzata li tindirizza din l-għamla ta' impriża, huwa possibbli biss li tiġi pprovdata approssimazzjoni ta' sa fejn jaslu u l-kontribut tagħhom għall-ekonomija u s-suq tax-xogħol. Skont l-istimi disponibbli, madwar waħda minn kull ħames impriżi fil-fażi bikrija fl-Ewropa hija mwielda globali iżda b'differenzi notevoli fost il-pajjiżi (minn inqas minn 10%, pereżempju, fl-Ungerija, sa 40%-50% fir-Rumanija, il-Belġju jew id-Danimarka).

Minħabba ż-żgħożija' tagħhom, l-imwiela globali għandhom it-tendenza li jkunu prinċipalment impriżi mikro jew żgħar. Minkejja dan, peress li għadhom f'din il-fażi bikrija, huwa meqjus li għandhom potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjegji. L-imprendituri u l-persunal fl-imwiela globali għandhom ħiliet u edukazzjoni għoljin, b'mod partikolari fl-għarfien tagħhom tat-teknoloġija u l-lingwi, u jaqilgħu pagi ogħla mill-medja. Barra minn hekk, minħabba r-relazzjonijiet tagħhom ma' ditti oħrajn u l-mod kif jinnegozjaw (pereżempju, billi jesternalizzaw il-produzzjoni) hemm provi aneddotali li juru li l-imwiela globali jgħibu magħhom 'effetti mifruxin' f'termini ta' ħolqien tal-impjegji f'kumpaniji oħrajn.

Madankollu, il-karattru pijuniristiku tagħhom f'termini ta' żgħożija, innovazzjoni ta' ideat u nuqqas ta' preżenza stabbilita fis-suq jippreżenta sfidi notevoli għall-kapaċità tagħhom li jibqgħu haġjin. Mhux biss talli jridu jitgħallmu jikkontrollaw l-iżvilupp ta' prodott innovattiv xieraq għal swieq internazzjonali, iżda anki l-proċess ta' bidu tan-negozju u l-proċess ta' internazzjonalizzazzjoni, kollox f'daqqa u malajr. Dan jeħtieġ livelli għoljin ta' kompetenza teknika u maniġerjali, iridu jkunu midħla ma' proċeduri u swieq u jrid ikollhom livell għoli ta' impenn u parteċipazzjoni. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' livell ta' kapital li b'mod komparattiv huwa għoli biex jinkisbu dawn il-kompiti multipli – xi ħaġa diffiċli għal kumpanija b'riżorsi limitati u li tħabbat wiċċha man-nuqqas ta' rieda ta' investituri esterni sabiex jiffinanzjaw l-idea kummerċjali mhux ippruvata tagħha. B'hekk, l-imwiela globali għandhom it-tendenza li jkunu vulnerabbli għal żviluppi ekonomiċi u jeħtieġu appoġġ mill-gvern biex jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom.

Indikazzjonijiet tal-politika

Minkejja l-enfasi fuq in-negozji li jkunu għadhom kemm jifftu u l-internazzjonalizzazzjoni madwar l-Ewropa, dawn il-kwistjonijiet f'tit li xejn qatt iddaħħlu flimkien f'diskussjoni pubblika u politika. Dan jirrifletti l-livell baxx ta' għarfien dwar l-eżistenza u l-potenzjal tal-imwiela globali. Dan huwa dovut f'parti notevoli minnu għan-nuqqas ta' fehim komuni għal din it-tip ta' impriża. B'hekk, bħala l-ewwel pass, dan ir-rapport jissuġġerixxi t-twaqqif ta' definizzjoni armonizzata li tista' tiġi applikata għal iktar riċerka kif ukoll għal politiki.

Fir-rigward tal-appoġġ pubbliku għall-imwiela globali, l-analiżi sabet xi eżempji ta' skemi mmirati b'mod impliċitu li jgħaqqdu l-appoġġ għan-negozji li għadhom kif jifftu, l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni, l-iktar billi jipprovdu pariri tekniċi u kummerċjali, opportunitajiet ta' netwerking internazzjonali ma' kollegi, fornituri u klienti u aċċess għal finanzjament fl-għamla ta' sussidji, self b'termini favorevoli jew kuntratti ma' investituri. Ħafna programmi ta' appoġġ disponibbli għan-negozji li għadhom kemm jifftu, l-internazzjonalizzazzjoni u

l-innovazzjoni huma kkaratterizzati wkoll minn element favorevoli għall-imwiela globali. Madankollu, hemm ukoll xi miżuri li jillimitaw l-aċċess tal-imwiela globali għal dawn l-iskemi, permezz tal-kriterji ta' eliġibiltà tagħhom, li b'mod prinċipali jinvolvu rekwiżiti li d-ditti jkollhom rekord ta' rendiment tajjeb li jista' jingħata xhieda tiegħu.

Ir-rapport jissuġġerixxi kif l-appoġġ pubbliku jista' jindirizza aħjar il-potenzjal ta' żvilupp tal-imwiela globali, bħal:

- it-twaqqif ta' inkubaturi kummerċjali orjentati lejn livell internazzjonali li jipprovdu sett komprensiv ta' servizzi, inkluż netwerking kummerċjali, taħriġ u kuntratti ma' investituri;
- it-titjib tal-aċċess tal-imwiela globali għal finanzjament permezz tas-suq ta' kapital ta' riskju;
- it-titjib fl-għarfien dwar u l-aċċessibilità ta' skemi ta' appoġġ, kif ukoll it-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-atturi involuti;
- it-trawwim ta' 'kultura ta' internazzjonalizzazzjoni' fil-livell nazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jiġu promossi 'ċentri ta' kompetenza' reġjonali u settorjali fil-livell internazzjonali, biex l-imwiela globali jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' impriżi oħrajn;
- l-appoġġ tal-orjentazzjoni internazzjonali ta' imprendituri (tal-ġejjieni), ngħidu aħna permezz ta' promozzjoni aħjar ta' din fl-edukazzjoni sekondarja u terzjarja kif ukoll permezz ta' esperjenzi ta' xogħol internazzjonali.

Jekk wieħed jiftakar li l-effett tal-imwiela globali fuq l-ekonomija u s-suq tax-xogħol mhuwiex limitat għal pajjiż wieħed, iżda, minħabba l-attivitajiet internazzjonali tagħhom u l-effetti mifruxin tagħhom, jinħassu f'livell Ewropew, mhux biss dawk li jfasslu l-politiki fil-livell nazzjonali, iżda anki dawk fil-livell tal-UE jridu jtejbu l-potenzjal tagħhom. Kważi kull suġġeriment minn dawn ta' hawn fuq jista' jitressaq lejn livell Ewropew, mill-forniment tad-dejta/riċerka u ż-żieda tal-livell ta' informazzjoni u għarfien dwar l-imwiela globali, sal-iskambju ta' politiki dwar il-prattiki tajbin u t-tfassil ta' oqfsa ta' appoġġ favorevoli. Kif intqal fir-rapport, l-ewwel passi diġà ttieħdu iżda jista' jsir iktar, mhux biss għall-benefiċċju ta' dawn il-kumpaniji, iżda għall-ekonomija Ewropea inġenerali.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport, *Born global: The potential of job creation in new international businesses*, (L-imwiela globali: Il-potenzjal tal-ħolqien tax-xogħol f'negozji internazzjonali ġodda) huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1265.htm>

Għal iktar informazzjoni, ikkuntattja lil Irene Mandl, Maniġer tar-Riċerka, fuq ima@eurofound.europa.eu